# *Kunsill Lokali Marsaskala*

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minutital-laqgħaNru : **8** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **il-Ħamis 8 ta' Awwissu 2013 fil-6.00p.m.**

## L-EwwelSeduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sinjorina Desiree` Attard |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar (ħareġ mill-laqgħa fid-~~9.10~~ 9.44pm)<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur John B. Camilleri(ħareġ mill-laqgħa fis-6:15pm)<br>Is-Sur Daniel Spiteri |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjorina Chantel Zammit |
| Skużat | Is-Sur Sandro Gatt |

### ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 7.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Mistoqsijiet.
6. Mozzjonijiet.
7. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
8. Aġġornament.


Mayor
Mario Calleja

Vice Mayor
Desiree` Attard

Councillors
John Baptist Camilleri
CharlotMifsud
CharlotCassar
Elisabeth Cassar
Lawrence Ciantar
Daniel Spiteri
Sandro Gatt

Executive Secretary
Josef Grech

- Is-Sindku talab sabiex inġibu kwotazzjoni għal żewġ *michrophones* oħra minħabba li xi residenti ġibdulu l-attenzjoni illi mhux qed jinstemgħu jitkellmu fuq l-*online streaming*. Huwa żied jgħid li l-apparat għandu jkun bil-buttuna u meta xi Kunsillier ikun irid jitkellem jagħfas il-buttuna qabel ma jibda jitkellem. Huwa talab lill-Kunsilliera sabiex ma jitkellmux f'daqqa ħalli d-diskors jinstama ċar.

- Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa peress li l-*family park* jinsab magħluq x'ser jiġri mill-post li kien ser jingħata lill-*Girl Guides*.

Is-Sindku wieġbu illi qed isiru l-investigazzjonijiet imma ma jfissirx li l-*family park* se jibqa` magħluq. Huwa żied jgħid illi l-*girlguides* kienu ser jingħataw post f'Ottubru skond il-kuntratt. Is-Sindku kompla jgħid illi l-*family park* m'huwiex responsabilita` tal-Kunsill u aħna bħala Kunsill ma konniex avviċinati li dan il-*park* kien ser jingħalaq sabiex isiru l-investigazzjonijiet.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk l-*Air Quality Specialist* tal-Kunsill hux qed ikompli bix-xogħol tiegħu.

Is-Sindku qal illi l-bord jiltaqa` kull sitt ġimgħat u minkejja 'lfatt li kien hemm traċċi żgħar xejn m'hu allarmanti. Huwa żied jgħid illi l-*Air Quality Specialist* qed ikompli bix-xogħol tiegħu u r-riżultat li qed ikollu hu qed jaqbel mar-riżultat tal-persuna teknika oħra ingaġġata mill-Gvern Ċentrali.

- ***Il-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri daħal għal-laqgħa fis-6.15p.m***

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard talbet biex tara r-rapport tal-*Air Quality Specialist*.

Is-Sindku weġiba illi għad fadal rapport ieħor x'jinħareġ.

Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid illi għalkemm idum sabiex joħroġ ir-rapporti imma *monitoring* qed isir kulljum.

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex il-minuti tal-bord tal-Wasteserv ngħadduhom lill-Kunsilliera. Huwa żied jgħid illi l-*hydrolyser* sploda f'Mejju u ma jafx għaliex mattiħdietx azzjoni dak iż-żmien. Is-Sindku qal illi waqt il-laqgħat tal-bord kienu qed jittekiljaw l-ilmenti fuq il-ħsejjes u l-irwejjaħ.

Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera sabiex min irid ikellem lill-Profs Buhagair l-*Air Quality Specialist* jista` jikkomunika miegħu direttament ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ċaħad illi f'xi laqgħa preċedenti kien qal li hu ma riedx li jsir grawnd tal-futboll fil-*familypark*, anzi fil-fatt huwa minn dejjem kien jisħaq li jsir grawnd tal-futbol fil-*family park.*

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk wara l-laqgħa tal-Mepa rigward il-pjanijiet lokali infurmajniex lir-residenti rigward l-andament tal-laqgħa.

Is-Sindku qal li dan jista` jiġi diskuss fil-laqgħa annwali li jmiss.

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **LaqgħaNru7(1) tal-4 ta' Lulju 2013:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi paġna 2 artiklu #1.1.2 it-tieni paragrafu għandha tinbidel u tinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li quddiem dan il-mini market hemm bżonn li ssir bozza iktar qawwija u anke waħda iktar 'l isfel jekk hemm bżonn".*

1.1.3 Il-Kunsillieris-Sur John B. Camilleriqalillipaġna3artiklu #3.1ir-raba`paragrafugħandujinbidel u jinqara kif ġej :

*"Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-kwotazzjoni ta' l-istickers tan-numri tan-Nexos kwotat nofs id-daqs tas-sample li ġie muri waqt is-seduta tal-Kunsill jiswew madwar €6.50".*

1.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi paġna 3 artiklu #2.1.3 l-ewwel paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillieri s-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni rigward paġna 11 punt #7.12 fejn qal illi hu sab minuti ta' xi seduta preċedenti tal-Kunsill fejn konna ngħatajna pjanta provduta mill-Lands Department u preżenta waqt il-Kunsill fejn turi l-akwati tal-pixxina u tindika l-area li hija tal-Lands Department u dik tas-sid tal-pixxina. Il-bini kif ukoll l-parkeġġ iż-żgħir tal-ġenb tar-restorant jaqa`taħt sid il-pixxina filwaqt illi l-parking il-kbir ta' fuq barra jaqa`taħt il-Lands Department. Huwa żied jgħid illi l-permess sabiex nużaw din il-parti għandu jinħareġ mingħand il-Lands. Is-Sur Lawrence Ciantar issuġġerixxa li l-parking area nagħmlu la parking bays ".*

Is-Sindku qal illi l-kenniesa qegħdin jikinsu ukoll din il-parti.

**Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet.**

**Il-minuti kif emendati ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 **Punti li joħorġu mill-Minuti:**

2.1 **LaqgħaNru7(1) tal-4 ta' Lulju 2013:**

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 10 artiklu #7.1 jekk inbidlux il-proċeduri ta' kif issir *sleeping policeman* peress li saru żewġ *sleeping policeman* fi Triq Wied iż-Żiju fejn id-dar ta' Grima u sa fejn jaf hu dik qatt ma għaddiet mozzjoni mill-Kunsill.

Is-Sindku wiegbu li din sar direttament min-naħa tat-TM u dan minħabba li tinsab fil-konfini.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleriqal li l-fustun taż-Żonqor ilhu maqtugħ għal żmien twil u l-bażi tal-*poles* hija kollha msadda u huma perikolużi u hemm bżonn li jinbidlu. Huwa kompla jgħid illi jekk l-arbli jinbidlu għandu jsir *pipe* ieħor ma' barra tal-pvc minħabba l-ilma baħar.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar nforma lill-Kunsilliera rigward paġna 10 artiklu #7.2 rigward il-fustun tad-dawl fejn qal li kien avviċina lil tal-festa u staqsihom jekk tinħareġ kwotazzjoni u jkunu nteressati li jikkwotawu fil-każ għandhom javviċinaw lill-Kunsill.

Is-Sindku qal li huwa tal-opinjoni li dan il-fustun nikruh minflokk nixtruh minħabba l-ispejjeż tal-manutenzjoni li jkollu, pero` rridu nevalwaw il-possibiltajiet kollha.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 6 artiklu # 3.10 rigward Torri San Tumas jekk għandiex xi risposta min-naħa tal-Gvern Ċentrali. Huwa żied jgħid illi t-Torri ta' San Luċjan li jinsab f'Marsaxlokk minn sit tal-*fishfarms* ser jerġajsir post storiku u għaldaqstant għandha ssir pressjoni sabiex it-Torri San Tumas ma jitteħidtx.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li t-Torri San Luċjan qed jerġa jiġi post storiku minħabba 'l fatt illi s-sit tal-*fishfarms* ser jiġi trasferit ġo post ikbar.

Is-Sindku qal il-Kunsilliera illi meta kien msiefer kien irċieva telefonata mingħand l-Onor Rodrick Galdes fejn kien infurmah illi kien qed isir xi negozju sabiex dan it-Torri San Tumas jinbiegħ jew jinkera lil xi kumpanija privata. Huwa żied jgħid li kien spjegalu illi aħna konna ħadna fondi mill-Unjoni Ewropeja u waħda mir-raġunijiet li konna ngħatajna dawn il-fondi kien minħabba dan it-Torri peress li kien hemm pjanat li jsir Mużew tal-Piraterija. Huwa qallu ukoll illi għalkemm dan it-Torri m'huwiex tal-Kunsill pero` aħna se noġġezzjonaw illi dan jingħata lill-privat.

Is-Sindku żied jgħid li jista` jagħti 'l fatt illi din it-talba ġiet irtirata pero` għad m' għandniex risposta. Huwa żied jgħid li huwa tal-fehma illi nkellmu lis-Sur Mario Farrugia ta' Wirt Artna.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hu ma jistax jifhem bid-dewmien biex il-kuntratt ġie iffirmat bejn il-Gvern Ċentrali preċendenti u l-Fondazzjoni Wirt Artna. Huwa żied jgħid li min-naħa tagħna kien imisna għamilna r-riċerki qabel ma ntrabatna mal-PPCD sabiex nieħdu l-fondi mill-Unjoni Ewropeja għaliex saru żewġ żbalji kemm fuq it-titlu tal-art tal-madwar tat-torri u kemm minn kellu t-titlu tat-torri nnifshu.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li hu kien staqsa direttament lis-Sur Mario Farrugia tal-Wirt Artna għaliex dan id-dewmien kollhu biex jiġi iffirmat il-kuntratt. Is-Sur Mario Farrugia kien wieġbu illi kien sar il-konvenju u kien wieħed mill-lista li kellu jiġi approvat mill-Parlament.

Is-Sindku qal jekk ikunx aħjar illi issir laqgħa mas-Sur Mario Farrugia u mas-Sotto Kumitat tal-Wirt Storiku.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-laqgħa għanda issir mal-Kunsill u mhux mas-Sotto Kumitat.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li meta kien kellem lid-Direttur tal-Lands minħabba 'lfatt li jekk jinbiegħ dan it-torri x'se jiġri mill-fondi li ksibna, huwa wieġbu illi l-Ministru jrid iwieġbu u mhux hu. Huwa żied jgħid illi meta konna applikajna għal dan il-proġett ma konniex infurmati sew b'dawn it-tip ta' proġetti u fil-fatt il-perjodu biex timtela l-applikazzjoni kien qasir ħafna. F'dan it-temp qasir kellu jsir ħafna xogħol fosthom BOQ's u applikazzjonijiet il-MEPA. Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid li jiftakar meta kienet saret laqgħa il-Furjana fejn kienet saret laqgħa ta' nformazzjoni mill-PPCD.

Kull Kunsill Lokali kellu jissottometti l-applikazzjoni iżda qatt ma ngħatat spjegazzjoni dwar ix-xogħol kollu li kien ser jinvolvi il-proġett tal-ERDF. Is-Segretarju Eżekuttiv tenna jgħid illi meta konna applikjana għar-*railing* man-naħa ta' ġewwa tat-Torri is-Supretendent tal-*Heritage* oġġezzjona għax ried li r-*railing* jitwaħħal man-naħa ta' barra kif fil-fatt sar.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-Kunsill kien għamel riċerki fl-applikazzjoni għar-*railing* mal-partita' ġewwa. Il-MEPA fuq il-kummenti tas-Supretindent tal-Wirt Kulturali kienet talbet li r-*railing* isir mal-perimetru ta' barra. Minflok li l-applikazzjoni waqgħet biex issir oħra, l-applikazzjoni baqgħet l-istess u r-*railing* ġie kkunsidrat li jsir mal-perimetru ta' barra. Ir-riċerki pero` fuq is-sid ta' l-art kien sar għall-perimetru ta' ġewwa.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li aħna bħala Kunsill kellna noġġezzjonaw meta sirna nafu illi t-triq ta' bejn it-Torri u l-eks Jerma Palace inbiegħet lill-privat ukoll.

Is-Sindku wieġbu illi l-kuntratt kien sar diġa u allura kien inutli li toġġezzjona.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li aħna xorta kellna noġġezjonaw billi nibgħatu ittra lill-Ministru.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li l-iżviluppatur għandu jinfurmana x'ser jsir.

- ***Intalbet sospensjoni tar-regomalmenti sabiex jitkellem is-Sur Camilleri.***

Is-Sur Camilleri talab biex ikellem lill-Kunsill peress li kien ilu jilmenta mal-Kunsill mit-2010 rigward l-impjant tar-riċiklaġġ. Huwa kompla jgħid illi dejjem wieġbu is-Sindku pero` qatt ma ġew diskussi l-korrispondenzi tiegħu fil-Kunsill. Huwa dejjem ilmenta fuq l-istorbju, bir-riħa ta' żibel u mir-riħa tal-plastik.

Is-Sindku wieġbu illi l-ilmenti dejjem għaddihom lill-bord, liema bord ikkunsidra l-ilmenti tiegħu kull meta iltaqa` peress li jkunu hemm persuni tekniċi. Huwa stieden lis-Sur Camilleri sabiex ikun preżenti waqt il-bord sabiex jingħata r-risposti u l-ispjegazzjonijiet kollha kif diġa saru f'okkażżjonijiet oħra.

Is-Sur Camilleri staqsa lis-Sindku jekk huwa għandux dubji fuq il-*monitoring* tal-impjant.

Is-Sindku wieġbu illi hu m'għandux dubji li l-moniteraġġ qed jsir sew pero` huwa saħaq illi huwa mhux persuna teknika u ma jistax jirrispondi għal-ilment u fid-dawl ta' dan reġa stieden lis-Sur Camilleri sabiex jkun preżenti waqt il-laqgħa tal-bord u mhux waqt il-laqgħat tal-Kunsill.

Is-Sur Camilleri rringrazzja lill-Kunsill talli tah l-opportunita` li jitkellem waqt din is-seduta.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Applikazzjoni mis-Summer Nights PA2181/13 – Construction of underground pit for location of gas tank:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sinjura Buttigieg li qegħda preżenti kienet bagħtet komunikazzjoni fejn kienet qed tilmenta fuq din l-applikazzjoni.

Is-Sinjura Buttigieg qalet li meta saret taf b'din l-applikazzjoni ħassita nkwetata li jsir dan it-tip ta' gas viċin bandli għaliex jista` jkun perikoluż ħafna.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li f'seduta 44 kien ġie diskuss dan is-suġġett u kien ta' kopja lill-Kunsilliera fejn il-Kunsill ma kienx qabel għal diversi punti u għaliex dan is-sid kien għadu ma ssottomettiex l-applikazzjoni tiegħu lill-MEPA peress li l-ewwel ried japplika lill-*Lands* u qabel ma jkun jista` japplika lill-MEPA ried iġib l-approvazzjoni tal-*Malta Resources Authority*. Il-Kunsill kien qabel unanimament illi niktbu lill-*Lands Department* sabiex noġġezzjonaw.

Is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk konniex bagħatna lill-*Lands Department* dak iż-żmien.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li aħna konna bagħtna lill-*Lands* pero` s'issa għadhom ma tawna l-ebda risposta.

Is-Sindku qal li kien tkellem ma espert fejn spjegalu s-sistema tal-gas u wrieh il-preokoppazjonijiet tiegħu f'każ li jkun hemm *leakage* u jkun hemm splużjoni tkun traġika. Huwa kompla jgħid li dan l-espert issuġġerixxa li jkun hemm tank tal-gas wieħed ħdejn il-magħluq u l-ħwienet ikunu mqabdin miegħu.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li aktar ma tkabbar iċ-ċilindru tal-gas aktar f'każ ta splużjoni ser tkun ikbar.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa għaliex ma jżommux iċ-ċilindri tal-gas fuq is-saqaf tal-istabbiliment tagħhom.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li jekk m' hemmx periklu allura jistgħu jżommu ċ-ċilindri tal-gas fuq is-saqaf tagħhom mingħajr problemi.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li biex isir dan it-tip ta' ċilindru jridu jkollu *fencing* ta' żewġ metri għoli mad-dawra tiegħu.

Il-Kunsill qabel unanimament illi noġġezzjonaw għal din l-applikazzjoni fuq il-kriterji mniżżla hawn taħt.

1) Jekk jingħata permess lil dan l-istabbiliment il-Kunsill ma jkunx jista` jiċħad permessi oħra simili, speċjalment f'żona ħdejn il-bandli.
2) L-art imsemmija hija art pubblika.
3) Jekk il-permess jingħata xorta, l-Kunsill iżomm lill-MEPA responsabbli jekk tinqala` xi ħaġa.

3.2 **Caravan Park (35/3378/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa kien iċċekja jekk l-art hiex privata u d-Dipartiment ta' l-Artijiet ikkonfermaw li l-art kienet privata u allura ma kienux jafu bil-proġett. Huwa żied jgħid illi għalkemm għadna ma rċevejniex l-applikazzjoni sabiex noġġezzjonaw il-Kunsill kien xorta oġġezzjona biex iżomm id-dritt li jagħti aktar kummenti fil-futur.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li waqt il-laqgħa pubblika tal-pjanijiet lokali li saret min-naħa tal-MEPA ma qabilx mal-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri fejn tkellem fuq dan il-każ f'din il-laqgħa meta ma kienux iddiskutuha fil-Kunsill. Huwa żied jgħid illi meta *camp site* tkun amministrata tajjeb m' għandux għalfejn ikun hemm biża li jkun hemm *caravan site* u aħjar jkun hemm kollox bil-permess u bil-faċilitajiet sanitarji kollha milli kif hemm fil-preżent fil-

viċinanzi fejn lanqas sistema ta' drenaġġ m'għandhom, u din iġġib iktar turisti fil-lokalita` tagħna.

Is-Sindku qal li aħna oġġezzjonaw għaliex bżajna illi jiġri kif ġara l-Armier.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal fil-pjanijiet lokali tal-2006 kien hemm proposta ta' *caravan site* f'din iż-żona liema pjan lokali kien approvat. Il-Kunsill allura f'każ ta' oġġezzjoni għandu joġġezzjona ukoll għal din il-parti tal-pjanijiet lokali.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk kienux marru tas-sanita` meta konna ilmentajna li kien ħiereġ id-drenaġġ.

Is-Sindku wieġbu illi tas-sanita marru u ma sabux li kien drenaġġ.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li [f'Marsaskala ma jistiegħx li jsir] ~~f'Malta m'għandiex esperjenza ta' kif isiru l-*Caravan Sites* barra minn Malta~~ u hu joġġezzjona illi titniżżel fil-pjanijiet lokali tal-MEPA. Kien hemm qbil li [bl-addoċċ] għandhom jerġgħu jiċċekkjaw iktar fid-dettal il-*Project Description Statement.*

3.3 **<u>Memo 18/2013 – Car Free Day (35/3744/13/I):</u>**

Is-Sindku ressaq din il-komunikazzjoni illi bħal kull sena ser issir *car free day* bejn is-16 u it-22 ta' Settembru madwar l-Ewropa kollha.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-lokalita` tagħna ma tistax tieħu sehem f'din l-attivita` minħabba li fil-lokalita` tagħna m' għandiex aċċess oħra minn fejn jgħaddu l-vetturi.

3.4 **<u>Rigward xogħol mwettaq mil-kuntrattur Ronald Bezzina fi Triq il-Blajjiet Works Order 1117 (35/3757/13I):</u>**

Il-Kunsilllier is-Sur Lawrence Ciantar qal li kien ġibidlu l-attenzjoni diversi drabi sabiex dan il-kuntrattur jwettaq dan ix-xogħol skond il-kundizzjonijiet tal-kuntratt, pero` ix-xogħol għadu ma sarx kif suppost u kien ħa ritratti biex juri dan. Huwa żied jgħid ukoll illi fil-kuntratt għandu mniżżel illi jneħħi d-*debris* ukoll pero` dan ix-xogħol mhux qed jsir.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab illi huwa ma jibqax il-Kunsillier responsabbli ta' dan il-kuntratt, peress li huwa ma jistax jiċċertifika xogħol li mhux qed isir skond il-kundizzjoni tal-kuntratt.

Is-Sindku kien wera xi ritratti li fl-opinjoni tiegħu x-xogħol kien sar tajjeb.

Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk kienx hemm xi ħadd interessat li jkun il-Kunsillier responsabbli ta' dan il-kuntratt.

Peress li ħadd mill-Kunsilliera ma jrid li dan il-kuntratt jaqa fid-dekasteru tiegħu allura is-Sindku ddeċieda li jkun huwal-persuna responsabbli għalih.

3.5 **<u>Rigward proposta ta' traffic management fi Triq ix-Xatt (35/3582/13/I):</u>**

Is-Sindku qal li hu kien ħareġ bil-proposta illi l-bankina ta' quddiem il-ħwienet tiżdied b'metru u sabiex ma nitilfux il-pareġġ, il-parkeġġ tal-faċċata li jiġi mal-bankina tal-*promenade* jsir *fish bone,* filwaqt li jitneħħa l-parkeġġ man-naħa tar-restoranti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien għandu kif kellmu l-Perit fejn qallu ma jaħsibx li huwa possibli li ssir għaliex biex il-parkeġġ isir *fish bone* il-karozzi ser jkunu ipparkjati ħafna l-barra u t-triq mhux wiesgħa biżżejjed.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li jekk jitneħħa l-parkeġġ ser nitilfu madwar 40 parkeġġ u mhux ser jintrebaħ biżżejjed mill-faċċata biex jikkumpensa.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li fil-fehma tiegħu it-triq mhux ser tkun wiesgħa biżżejjed u TM jistgħu joġġezzjonaw.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitolbu lill-Perit sabiex jagħmel *sketch* u tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

3.6 **<u>Ħatra ta' bord biex jibdew jinħarġu t-tenders għall-Uffiċċini Amministrattivi tal-Kunsill:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għandu jinħatar bord għal-bini tal-uffiċċini aministrattivi tal-Kunsill. Huwa żied jgħid illi nħarġet *memo* sabiex il-bereġ jiġu devoluti lill-Kunsilli Lokali.

Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera minn huwa nteressat li jifforma parti minn dan il-bord tal-evalwazzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-membri ta' dan il-bord jkun il-Perit tal-Kunsill, il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar, il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri, il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

3.7 **<u>Applikazzjoni għat-tneħħija ta' siġar tat-tip Cow Itch tree minn Ġnien Sant'Anna (35/3487/13/I):</u>**

Il-Kunsill qabel unanimament illi jitneħħew żewġ *cow itch tree* u jinżergħu siġar taż-żebbuġ minflokk, kif ukoll li jitneħħew il-kumplamnet gradwalment.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.8 **<u>Art ħdejn Triq Lorry Sant Marsaskala:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi din l-art hija privata u allura ma tistax issir applikazzjoni għad-devoluzzjoni min-naħa tal-Kunsill.

3.9 **<u>Memo 15/2013 – L-użu tal-Internet Banking (35/3303/13/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi ser jagħtuna l-faċilita` limitata sabiex isiru ċertu transizzjonijiet.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ħareġ mill-laqgħa fit-8.30p.m***

3.10 **<u>Korrispondenza mill-EUPA dwar il-proġġett Intercultural Meal – Recovery of Funds :</u>**

Is-Sindku qal li hu flimkien mas-Sur Mark Causon marru ġewwa l-uffiċċini tal-EUPA sabiex jiddiskutu fuq il-kontijiet pendenti li għad fadal, peress li l-ewwel lejl waslu qabel nofs il-lejl ma kienux koperti bl-ispejjeż. Huwa żied jgħid li għandhom għaddejjin bid-diskussjonijiet sabiex jintlaħaq ftehim.

3.11 **Korrispondenza mingħand is-Sinjorina Rebecca Micallef li se tirritorna lura għax-xogħol fil-bidu ta' Jannar 2014:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sinjura Rebecca Micallef qed titlob biex tidħol lura għax-xogħol bir-*reduced hours* mis-6 ta' Jannar, 2013 mit-Tnejn sal-Ġimgħa mis-7.30a.m sal-11.30a.m. Huwa kompla jgħid li hija kienet applikat għal-*career break* iżda peress li ser tirritorna lura f'inqas minn sena allura hija qed titlob li t-talba tal-*career break* tiġi mibdula għal *parental leave*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien iċċekja mad-Dipartiment fejn infurmah li din it-talba tista` tiġi milqugħa.

Il-Kunsill qabel unanimament illi s-Sinjura Rebecca Micallef tirrotorna lura għax-xogħol bir-*reduced hours* u minflokk *career break* jiġi *parental leave*.

3.12 **PABX System:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilli illi għandna nbidlu s-sistema tal-PABX fejn għanda tiġi bil-waiting system.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nġibu kwotazzjoni ta' din is-sistema.

3.13 **Stima għal fustun li kien propost fis-seduta preċedenti:**

Is-Sindku preżenta kwotazzjoni għall-xiri tal-fustun mill-pixxina sal-Waterpolo pitch. Huwa żied jgħid illi għandna nġibu kwotazzjoni tal-kiri tal-fustun minn Ġunju sa Settembru.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li fil-preżent inħallsu għal-konsum u l-bozza hija tal-15 *watts* iżda din il-kwotazzjoni qegħda bl-*led lamp* ta' 1 *watt*. Huwa kompla jgħid li dawn *led lamps* ma jinqatgħux fir-riħ u allura l-Kunsill irid jevalwa bis-serjeta` jekk jikrix jew jixtrix il-fustun tad-dawl li kien hemm propost għaż-żona ta' Żonqor.

3.14 **Rihama Battery (35/3892/13/I):**

Is-Sindku qal li kull darba qed ikun hemm problema sabiex ikollhom l-aċċess biex jidħlu mill-grada u dan qed ikun ta' nkonvenjent.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lill-*Lands Department* sabiex inkunu nafu jekk l-aċċess fejn hemm il-grada hijiex privata jew le.

3.15 **Applikazzjoni mis-Summer Nights PA 2181/13 Construction of underground pit for location of gas tank :**

Din il-kommunikazzjoni ġiet diskussa f'din is-seduta artiklu # 3.1

3.16 **Korrispondenza dwar il-laqgħa tal-Pjanijiet Lokali :**

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-Kunsilliera jekk kienux evlawaw bir-reqqa l-Pjanijiet Lokali qabel ma jagħtu l-opinjoni finali tal-Kunsill, minħabba li hemm ħafna fatturi mportanti u elenka lista ta' affarijiet li hemm fil-Pjanijiet Lokali approvati fl-2006 u li l-Kunsill irid jagħti l-kummenti dwarhom.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ~~staqsa jekk~~ l-*swimming zones* ~~hux ser~~ jibqgħu. Huwa żied jgħid li kien hemm xi għidud illi l-Kunsill qed jaħdem mal-Għaqda Baħħara u Sajjieda sabiex din l-għaqda jieħdu l-bajja f'idejhom.

Is-Sindku kkonferma li dawn huma kollha għidud u xejn m'hu minnhu.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li għanda ssir triq minn ħdejn il-Palm Valley Restorant sa ħdejn ir-Razzett tal-Ħbiberija.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri semma l-bżonn li jsir *jogging track*. Huwa żied jgħid li m' għandux jingħata permess għall-iktar sulari.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ssir laqgħa tal-Kunsill apposta minħabba dan is-suġġett.

3.17 **<u>Kwotazzjonijiet għar-reception li se ssir f'Jum Marsaskala:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-offerti għal-din ir-reception

| | | |
|---|---|---|
| Crème Caramel | 10 items with 11 waiters | €1,108.61 (inc of vat) |
| Nertiku Confectionery | 10 items with 11 waiters | €1,155.81 (inc of vat) |
| James Caterers | 10 items with 11 waiters | €1,109.60 (inc of vat) |

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk dawn kienux l-kwotazzjonijiet kienux magħluqa.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li dawn jaqgħu taħt id-*direct order*imma l-Kunsill xorta ġab tlett kwotazzjonijiet. Huwa żied jgħid illi dawn il-prezzijiet niżżilnihom mis-siti eletroniċi tagħhom, ħlief tal-*Crème Carmel* li ssottemessa l-kwotazzjoni hu. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li madanakollu l-prezzijiet huma kważi l-istess u l-Kunsill jista` jagħżel liema *caterer*irid iqabbad. Is-Sindku wieġeb li għandna mmorru għall-orħos ċioe` l-Creme Caramel.

Is-Sindku qal li r-*reception* ser ssir is-Sensi Hotel

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa għalfejn ser terġa ssir is-Sensi Hotel peress li s-sena preċedenti kien għamel il-maltemp u ġewwa ma kienx hemm biżżejjed spazju għan-nies li jkunu mistiedna. Huwa żied jgħid illi kien ikun aħjar illi nagħmlu r-*reception* ġewwa s-sala tal-Kappillan

Is-Sindku qal li għal din is-sena nagħmluha s-Sensi u s-sena d-dieħla kullħadd jgħaddi is-suġġerimenti tiegħu.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nagħżlulilCrème Caramel għal din l-okkażjoni.

4.0 ***<u>Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:</u>***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma illi Kunsilliera illi pagament #260 in-numru taċ-ċekk 9549 tal-laqgħa nru.6 tal-11 ta' Ġunju 2013, pagabbli lil Horace Enterprises Ltd ma kienx għal *momentos* imma għat-*trophies*.

4.2 Il-Kunsillier is-Sur ~~Lawrence Ciantar~~ Charlot Mifsud staqsa fuq pagamenti #542, #543 jekk il-Pulizija f'din l-attivita` għalqux it-triq għax jekk it-traffiku baqa` għaddej stajna ma ġibnihomx.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk is-servizz tal-warden jiġiex irħas.

Is-Sindku wieġbu illi bħala servizz tal-warden kien ser jiġina iktar għoli u bilfors ridna s-servizz tal-Pulizija għalkemm ma ngħalqietx it-triq.

4.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li pagament #562 jikkonċerna l-manutenzjoni fuq arblu dekorattiv fi Triq ix-Xatt u staqsa jekk il-Kunsilliera rawx dan l-arblu ħalli niddeċiedu fuq il-kumplament tal-arbli. Dan mhux biss tneħħielu s-sadid u nżebagħ b'żebgħa apposta, iżda nbidlu l-globi u twaħħlu bozzoz *energy saving.*

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa kemm hemm arbli.

Il-Kunsilliera is-Sur John B. Camilleri qal li dawn l-arbli jridu jinqasmu u qal li l-ewwel issir manutenzjoni fuq l-arbli ta' Triq ix-Xatt li hemm madwar 25 arblu, warajhom ta' Triq San Ġorġ u wara ta' Triq iż-Żonqor. Huwa żied jgħid li dawn l-arbli ilhom imwaħħla snin twal u qatt ma saritilhom manutenzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament illi noħorġu tender għal-manutenzjoni tal-arbli ta' Triq ix-Xatt.

Il-Viċi Sindku s-Sinjura Desiree Attard pproponiet l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda.

Il-Kunsill approva unanimament.

- Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li d-dawl li hemm fi Triq San Gwakkin, Triq La Sengle u Triq Sant'Anna huwa antik ħafna u kollhu msaddad. Huwa preżenta *sample* ta' fanal b'sistema moderna li jikkumplimenta l-*village core* iżda jaħdem bl-LED. Huwa żied jgħid illi dan il-fanal jista` jeħel bi prova ħalli naraw kif jidher u wara niddeċiedu jekk jinbidlux.

  Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li bħala prezz jiswa madwar €400 il-wieħed iżda tagħmel differenza fil-prezz jekk nixtru bil-kwantita` u nkunu nistgħu napplikaw għal fondi tal-UIF.

  Il-Kunsill qabel unaninimament illi nwaħħlu dan il-fanal fil-biċċa *black spot* li hemm fi Triq Sant'Anna.

- ***Il-Kunsilliera is-Sur Lawrence Ciantar ħareġ mill-laqgħa fl-9.44p.m***

5.0 ***<u>Mistoqsijiet:</u>***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

6.0 ***Mozzjonijiet:***

**Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar (#026-9/7/13):**

*"Jipproponi li f'rispett sħiħ lejn id-drittijiet tal-annimali kif ukoll is-saħħa u l-paċi pubblika, tiġi msejħa laqgħa mas-Sur Vella bil-ħsieb li naqblu miegħu fuq pjan ta' azzjoni biex dawn il-qtates:*

*a) Jiġu msewwija.*
*b) Jiġu ċċertifikati li huma fi stat ta' saħħa tajba u li ma għandhom l-ebda mard li jista' jkun ta' periklu għas-saħħa pubblika.*
*c) Jiġi maqbul fejn l-aħjar li dawn l-istess qtates jiġu mitluqa lura."*

Din il-mozzjoni ma ġietx preżentata lill-Kunsill peress li l-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ma kienx preżenti dak il-ħin u ser titressaq għal laqgħa li jmiss.

6.1 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar (#027-9/7/13):**

*"Jipproponi sabiex jitwaħħlu tabelli fiż-żoni li fihom jiġu mitmugħa dawn il-qtates fejn il-Kunsill jgħarraf illi qiegħed jimmoniterja s-sitwazzjoni kif ukoll jieħu l-prekawzjonijiet sabiex jiġi kkontrollat in-numru ta' dawn il-qtates. It-tabella għandha tħeġġeġ ukoll lil dawk il-persuni li b'tant għożża jieħdu ħsieb dawn l-annimali abbandunati sabiex bl-istess għożża jżommu l-post nadif."*

Din il-mozzjoni ma ġietx preżentata lill-Kunsill peress li l-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ma kienx preżenti dak il-ħin u ser titressaq għal laqgħa li jmiss.

6.2 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar (#028-9/7/13):**

*"Jipproponi sabiex tinfetaħ diskussjoni mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-kura u l-ħarsien tal-annimali sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx il-ħtieġa u tiġi mfassla liġi li tirregola l-ħarsien ta' dawn l-annimali fit-toroq."*

Din il-mozzjoni ma ġietx preżentata lill-Kunsill peress li l-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ma kienx preżenti dak il-ħin u ser titressaq għal laqgħa li jmiss.

6.3 **Mozzjoni mressaq mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (#029-16/7/13):**

*"Huwa l-għan tal-Gvern Ċentrali li kemm jista` jkun jisaħħu n-negozji ż-żgħar f'kull lokalita` ta' Malta u Għawdex. Fid-dawl ta' dan qiegħed jipproponi sabiex għal darb'oħra nerġgħu napplikaw biex nestendu metru bankina t-tul kollu ta' quddiem l-istabbilimenti tax-xorb u ikel li hemm fi Triq il-Marina, dan ifisser min fejn Pizza By Luca sa fejn Chick King. L-iskop huwa li l-istabbilimenti jkunu jistgħu jżidu xi mwejjed u siġġijiet kif ukoll isir railing mal-bankina u jingħata tisbieħ bi xtieli partikolari.*

*Peress illi dan il-metru estenzjoni ser tidjiq it-triq, jissugerixxi illi jitneħħa l-parkeġġ kollu quddiem ir-restoranti u l-parkeġġ ta' faċċata isir fuq stil fish bone. Skop ieħor importanti huwa li awtomatikament ser tonqos il-veloċita` ta' diversi vetturi qabel ikollna xi nċident fatali".*

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex inqabbdu lill-Perit tal-Kunsill jagħmel *sketch*.

6.4 **<u>Mozzjoni mressaq mis-Sindkus-Sur Mario Calleja (#030 – 22/7/13):</u>**

*"Issa la darba li m`hemmx bżonn permessi biex jinqalgħu s-siġar li qed jagħmlu ħafna ħsara fi Ġnien Sant` Anna, jipproponi li nibdew naqilgħu dawk l-aktar li qed ikunu ta` nkonvenjent għan-nies".*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

6.5 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier –is-Sur John B Camilleri (#031-3/8/13):</u>**

*"Jipproponi li jitkompla xogħol meħtieġ sabiex id-dawl ta' Triq il-Blajjiet jiġi nstallat fuq naħa waħda tat- triq unsolvu l-problema fejn il-wires jitħabblu mas-siġar eżistenti li nibdew naqilgħu dawk l-aktar li qed ikunu ta` nkonvenjent għan-nies".*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li jrid isir *underground cable* u wara l-Enemalta jagħmlu l-*wiring* huma.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex isiru d-diskussjonijiet ma' l-Enemalta.

6.6 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier –is-Sur John B Camilleri (#032-5/8/13):</u>**

*"Jipproponi li jsir patching bil-hot tarmac quddiem dan l-istabilliment fi Triq Santa Tereża. Din qed tkun ta'periklu għal min jimxi min hemm kif ukoll qed jitla ħafna ħaxix ħażin".*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

6.7 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier –is-Sur John B Camilleri (#033-5/8/13):</u>**

*"Jipproponi li nwaħħlu dawl ġdid fi Triq San Ġwakkinħdejn l-iskips."*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

6.8 **<u>Mozzjoni mressaq mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (034-6/8/13):</u>**

*"Jipproponi sabiex napplikaw għall-keep clear sign quddiem stabbiliment ġdid bl-isem Fornaio peress li f'dawn il-ħinijiet għaliex ser ikun qed jagħmel użu mill-pompa tat-tqiq bejn is-6:00am u l-6:00pm."*

Il-Kunsill qabel unanimament li napplikaw lit-Trasport Malta.

7.0 ***<u>Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.</u>***

Il-Kunsillier is-Sinjur Elizabeth Cassar infurmat lill-Kunsilliera bl-attivitajiet li ser jsiru:

Is-Sibt 10 t'Awwissu 2013 – Lejla Agrarja.
Is-Sibt 17 t'Awwissu 2013 – 60's and 70's Night
Is-Sibt 31 ta' Awwissu – Jum Marsaskala u ser jitella kunċert mill-banda tal-Lokali.
It-~~Tnejn~~ 1 ta' Settembru 2013 – Ser ikun hemm quddies filgħodu u wara tberik tal-annimal, żied jgħid illi filgħaxija ser ikun hemm riċeviment għas-sotto kumitati kif ukoll helpers ta' Marsaskala.

Is-Sindku żied jgħid illi fil-31 t'Awwissu 2013 Triq ix-Xatt ser tkun magħluqa minn Pizza by Luca sas-Summer Nights u ser jingħataw permess sabiex il-ħwienet joħorġu l-imwejjed u siġġijiet sal-bankina ta' faċċata.

7.1 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal sabiex jinżabar li t-tamarisk ta' Triq ix-Xatt.

Is-Sindku wieġbu illi għalissa ma jistgħux jinżabru iżda f'Ottubru.

9.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-10.00p.m. Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ġimgħa 30 t'Awwissu 2013 fis-6.00pm

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku